MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 283/2011

Kawza fil-lista: 9

**T Y B**
**vs**
**B V J Y**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta’ Lulju 2006, u f’dan iz-zwieg ma tweldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li ma jopponiex ghat-talbiet attrici, pero' m'ghandhux ibati l-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-21 ta' Lulju 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null, izda qed jikkontesta l-ispejjez.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Lulju 2006 meta allura l-attrici kellha 28 sena u l-konvenut kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa sitt snin.

Minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal.

L-attrici ssostni li l-konvenut qatt ma kien jiehu inizjattiva ta' xejn, l-interess tieghu kien il-futball u ghalhekk hija qabdet id-drama.  Kienet thossha li hi kienet tiehu d-decizjonijiet kollha u zewgha ma kienx partecipi f'xejn izda kien biss jimxi ma' dak li kienet tipproponi hija, kien hemm zmien li anke finanzjarjament kienet tipprovdi hi u qadet lura mill-istil ta' hajja li kienet imdorrija fih minhabba li hu finanzjarjament ma' kienx sod daqs kemm kienet hi.

Kien hemm numru ta' incidenti li l-attrici ssemmi fejn ma sabitx ghajnuna jew appogg mill-konvenut f'mumenti meta l-aktar kellha bzonnu.  Hija ssemmi drabi meta hija wegghet jew kellha bzonn xi xogholijiet fid-dar jew fil-

karozza u kellha tirrikorri ghall-membri tal-familja taghha jew barranin sabiex jghinuha. L-attrici sahhansitra tasal biex tghid "*kien qisu minghajr emozzjonijiet xi kultant ghax la jesprimi ferh u lanqas dwejjaq. Ma kienx jghid li xi haga qed tinkwietah ghalkemm kont nistaqsih*"[1].

Dawn ic-cirkostanzi kienu wkoll prezenti qabel iz-zwieg fil-fatt wara tlett snin kien hemm perijodu ta' firda fir-relazzjoni.

Il-konvenut da parti tieghu jghid li l-attrici kellha karattru aktar qawwi minn tieghu u kien ihoss "*li qatt ma kienet tapprezza xejn*"[2]. Dina d-differenza fil-karattri tal-partijiet irrizultat f'li l-konvenut kien jghid li "*nibza immur kontra kliemha ghax kienet tispicca tibki u kienet igghelni inhossni 'guilty'*"[3]

Il-konvenut jilmenta wkoll li fl-intimita` l-attrici kienet tingibed u r-relazzjonijiet intimi taghhom ma kienu xejn frekwenti. Mentri l-attrici ssostni li kienet toqghod lura milli jkollhom it-tfal peress li kienet thoss li ma kellha l-ebda appogg minn zewgha anzi kienet thossha qisha ghandha tifel xi trabbi fih. Di fatti waqt il-counselling "*il-kwistjoni tat-tfal issemmiet meta kienu flimkien quddiemi fejn qalet li ghalkemm xtaqet li jkollha t-tfal pero mhux f'dik is-sitwazzjoni. Il-konvenut qabel li ma jkunx hemm tfal sakemm ikun hemm il-problemi bejniethom*"[4]

Il-partijiet it-tnejn issuspettaw li l-parti l-ohra kellha relazzjoni ma' terza persuna.

Iz-zewg partijiet jaqblu li kienet l-attrici li pproponiet iz-zwieg u kien hemm indifferenza da parti tal-konvenut. Il-konvenut jghid li "*T iddecidiet li nizzewgu. Kont indifferent...*"[5] u dan tikkonfermah l-attrici " *infatti kien lejn l-ahhar tal-Universita` (konna ilna 4 snin flimkien) meta bdejt nghamel is-suggerimenti sabiex nizzewgu, imma*

[1] Fol. 19 tal-processs.
[2] Fol. 28 tal-process.
[3] Fol. 29 tal-process.
[4] Fol. 35 tal-process.
[5] Fol. 30 tal-process.

*qatt ma kien isemmi zwieg u ma tantx kien qed juri hegga u inizjattiva.... kont inhoss u nittama li jghidli biex nizzewwgu.. imma qatt ma smajt xejn... kif sab ix-xoghol jien inkoraggejtu biex nghamlu data tat-tieg. U qalli mhux xorta*"[6].

"Mhux xorta" kienet donna twegiba li l-konvenut ta sikwiet kien juza.

Il-Psikologa Ms Mariella Blackman tikkonferma dina d-differenza fil-karattri fejn tghid li "*kien hemm nuqqas min-naha tieghu u zelu zejjed min-naha taghha... hi ghandha karattru ta' leader u huwa follower*"[7]. Hija ikkonkludiet billi qalet li "*il-probelmi kienu minn qabel iz-zwieg u li kieku hadu counsellilng kienu jirrrealizzaw li ahjar ma jidhlux ghaz-zwieg f'dawk ic-cirkostanzi*"[8].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-pratijiet l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr m'gharrfu l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienu inkapaci jghixu flimkien f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Lulju 2006.

L-ispejjez bla taxxa.

---

[6] Fol. 17 tal-process.

[7] Fol. 34 et seq. tal-process.

[8] Ibid.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------